

*Dun Ġużepp Cachia*
*1926 – 2002*

# Dun Ġużepp Cachia (1926 – 2002)... ...kif niftakru jien

Is-Sur Mario Farrugia

Kien il-15 ta' Mejju tal-1953 meta jien iltqajt ma' Dun Ġużepp Cachia. Niftakar sew għax il-ħabib tiegħi Lino Spiteri kien ilu xhur jgħidli biex nidħol membru fil-kor ta' Dun Ġużepp. Dak iż-żmien jien kont qed nipprepara għall-eżami tal-matrikola u ridt inżomm ruħi kkonċentrat fuqu u allura kont wegħdtu li kif nispiċċa l-eżami kont nilqa' l-istedina bil-qalb. Fil-15 ta' Mejju 1953 filgħodu kelli l-aħħar eżami u wara nofsinhar mort il-kor għall-ewwel darba!

Meta Lino introduċini ma' Dun Ġużepp fuq iz-zuntier tal-Oratorju, ma tantx ħadt impressjoni tajba! Mill-ħarsa li tani Dun Ġużepp donni ħassejtu jgħid bejnu u bejn ruħu: "dan ma tantx fih ħobż". Min kellu jgħidli li kelli nispiċċa d-dell tiegħu għal madwar għoxrin sena!



*L-awtur ta' din il-kitba f'mument ta' ħin liberu ma' Dun Ġużepp fis-sena 1957*

Jien inħobb ħafna l-mużika klassika u kelli kurżità kbira biex nara kif dan Dun Ġużepp kien jikkunċertja. L-ewwel ħaġa li laqtitni kienet li Dun Ġużepp kien ilaqqa' l-vuċijiet kollha flimkien: xi ħaġa li

ssorprendietni mhux ftit. Jien kont mgħallem li kemm il-vuċijiet ta' kor u kemm ta' solisti jistudjaw il-partituri tagħhom separatament u wara li kull vuċi tħossha komda fil-partitura tagħha tibda titlaqqa' mal-vuċijiet l-oħra.

Dun Ġużepp kien jidentifika passaġġ ta' xi sitta jew tmien battuti li fl-opinjoni tiegħu jkunu l-qofol ta' dik il-kompożizzjoni u jibqa' jisħaq fuqhom ma' vuċi wara l-oħra. Biex vuċi (tenuri, soprani eċċ.) titgħallem passaġġ ta' sitt battuti ma tkunx diffiċli u ma tantx tieħu ħin! Allura hu kien jgħallem dak il-passaġġ lil vuċi waħda, imbagħad jgħallem l-istess sitt battuti lill-vuċi oħra u jibda jgħaqqad vuċi ma' oħra sakemm ikun daħħal il-vuċijiet kollha. Sakemm dan il-proċess ikun għaddej, kien iżomm il-kontroll u l-attenzjoni tal-vuċijiet l-oħra għax kollha kienu konxji li fi ftit minuti ser imiss lilhom biex jitgħallmu dan il-passaġġ. Imbagħad jgħaddi biex jibni fuq dawk is-sitt battuti. Wara li jkun għallem il-partitura kollha kien jgħaddi biex jgħallem l-'interpretazzjoni' tal-kompożizzjoni billi jispjega t-tifsira tal-kliem (bosta kompożizzjonijiet kien ikollhom test bit-taljan jew bil-latin) u wara jgħaddi biex jispjega x'ried il-kompożitur.

Kunċert kien ikollna kuljum u dan f'atmosfera ta' dixxiplina stretta ħafna. Per eżempju, min jasal xi minuti qabel jibda l-kunċert kien ipoġġi fuq il-bankijiet li kien hemm fl-Oratorju jew in-naħa tax-xebbiet jew in-naħa tal-ġuvintur. Peress li Dun Ġużepp kien, biex ngħid hekk, ażżarda li jlaqqa' f'kor xebbiet u ġuvintur flimkien. Meta kien jispiċċa l-kunċert, l-ewwel kienu joħorġu x-xebbiet u wara l-ġuvintur. Meta kien jinnota xi ħaġa li ma tkunx għoġbitu anki fl-imġieba ta' xi ħadd, ħallih jagħmel xenata sħiħa: ġieli dam kunċert sħiħ iħambaq, bil-koristi kollha bilwieqfa imsammrin bla jitniffsu! Illum diffiċli ħafna biex wieħed jifhem, u wisq aktar jaċċetta sitwazzjoni simili: kienet dinja oħra!

Ftit wara li kont dħalt fil-kor , Dun Ġużepp laqqa' lill-ġuvintur u qalilna li peress li l-attivitajiet tal-kor qed jikbru xtaq li jkollna segretarju biex

jieħu ħsieb il-korrispondenza u *records* / partituri tal-kant kif ukoll kaxxier biex iżomm il-flus li l-kor kien jiggwadanja għas-servizzi li kien jagħti. Dan l-aħħar inkarigu mess lili.

Il-kor kien baqa' jikber kemm fin-numru ta' membri u kemm fin-numru ta' attivitajiet. Mal-kor dorna l-irħula u l-bliet ta' Malta. Konna preżenti f'kull okkażjoni anke fuq livell nazzjonali bħaċ-ċelebrazzjonijiet taċ-ċentinarju ta' San Pawl u tal-Indipendenza, l-anniversarji partikolari ta' soċjetajiet mużikali kif ukoll numru kbir ta' quddies ta' saċerdoti novelli.

Ħafna drabi l-kor kien jirċievi donazzjonijiet żgħar għas-servizzi li kien jagħti. Dawn kienu jammontaw għal tlieta jew ħames liri għal kull okkażjoni! Dun Ġużepp kien jippreferi li jibqa' 'l bogħod mill-flus. Nista' ngħid li Dun Ġużepp qatt ma talab jew ħa xi flus minn dawn. Dawn kienu jintefqu fil-partituri u attivitajiet soċjali għall-membri tal-kor. Niftakar li darba naddafnielu l-kaxxarizz tiegħu fis-sagristija – l-ewwel wieħed fuq ix-xellug meta tkun qed tħares lejn il-bitħa – u hemm sibna kwantità ta' muniti imgeżwrin pulit ġo karti. Meta wieħed kien imur jagħmillu offerta għall-quddiesa, Dun Ġużepp kien jixħetha dritt fil-kaxxarizz u jħalliha hemm!

Jiena kont dħalt il-kor għax kont dilettant tal-mużika, veru, imma ma' Dun Ġużepp, malajr sibt ruħi mdaħħal f'inizjattivi li ma kellhom xejn x'jaqsmu mal-kor! Per eżempju l-armar tal-festa ta' San Gejtanu: kemm dak ta' barra u kemm ma' dak ta' ġol-knisja! Niftakar li malli kien jgħaddi l-Milied konna nibdew nippreparaw għall-festa ta' San Gejtanu, jekk ma jinqalax xi ħaġa partikolari, bħal meta kienet għamlet xita qawwija fil-ġranet ta' qabel il-Milied u l-istatwi ta' San Ġużepp u wisq aktar tal-Madonna li konna narmaw fuq iz-zuntier tal-Oratorju ġratilhom ħsara kbira. Dun Ġużepp xtaq li nsibu kif insewwuhom aħna għax flus ma kien hemmx u ddeċieda li niksuhom bil-*fibreglass*! Hekk għamilna u dawn għadhom jintramaw sal-lum!

Minn Jannar konna nibdew insewwu l-ħsarat tal-armar ta' barra: xogħol li jitlob spazju, żmien, paċenzja u dedikazzjoni. Kont nistagħġeb kif Dun Ġużepp kien kapaċi jsib nies biex jgħinuh. Niftakar fost l-oħrajn, per eżempju lil Gejtu Cuschieri, illum President Onorarju ta' din is-Soċjetà, u lis-Sur Buttigieg Scicluna jgħinu fit-tindif tal-linef tal-knisja, u lil Vincent Grima li kien il-*foreman* tal-armar – sa kien jindikalna liema figuri kien imiss li ngħabbu fit-trakk u f'liema ordni ngħabbuhom, lil Karmenu Galea li kien isuq it-trakk li fuqu kienu jitgħabbew il-bradelli u l-figuri li kienu jitpoġġew fuqhom, lil Ġanni Farrugia li kien espert fit-twaħħil tal-antaljoli, lil Walter Camilleri li kien ikun fuq it-*tower* itella' u jorbot il-pavaljuni, lil John Grech li kien iħaddem il-lift, lil Joe Martinelli, Joe Azzopardi, Eric Scerri u Gejtu Abela fost l-oħrajn fl-armar ta' barra. Jien kont nieħu ħsieb noħroġ l-angli minn posthom u ngħabbihom fuq il-lift biex jitgħabbew fuq it-trakk.

L-armar ta' barra kien għal qalbu wisq u kien dejjem moħħu biex jara kif ser jieħu ħsiebu u jippreservah mill-aħjar li jista'. Niftakar kemm għamel riċerka, anke barra minn Malta, biex sab drapp ta' kulur aħmar li ma jitfix għall-bandalori u l-pavaljuni: imma ma rnexxilux! U din kienet waħda mir-raġunijiet li ddeċieda li nibdew inwaħħlu l-armar ta' barra f'lejl wieħed: dan biex id-drapp idum espost għax-xemx ta' Awwissu l-iqsar żmien possibbli! Niftakar domna niddiskutuha din; imma rnexxielna. Niftakar li kuħadd kien jibqa' mistgħaġeb kif il-Ħamis ta' qabel il-festa ma kien ikun jidher l-ebda armar u l-Ġimgħa filgħodu l-armar kollu kien ikun f'postu!

Is-sistema ta' kif kien jitla' l-armar fi Triq il-Kbira San Ġużepp inbidel għal kollox fi żmienu! L-anġli bdejna nistivawhom fuq is-saqaf tal-Knisja – fil-biċċa ta' ġewwa li konna saqqafna meta konna qed nibnu is-saqaf tas-sala għall-kor - minn fejn kienu jitniżżlu bi 'crane', dejjem imfassal minn Dun Ġużepp, għal fuq stand apposta li kien jintrama fuq it-truck ta' Ġanni Galea u li kellu l-istess għoli tal-bradelli biex dawk li

kienu jkunu qed ipoġġu u jorbtu l-istatwi fuqhom ma kienx ikollhom jerfgħuhom u fl-istess ħin ma ssirx ħsara lill-istatwi bi 'tqasqis' żejjed! Sa kien ħoloq kavilji apposta biex bihom jitwaħħlu l-antaljoli: dawn kellhom toqob fihom biex meta jiġu biex jinqalgħu tiddaħħal 'piston rod' fihom u noħorguhom b'*lever* apposta.

Konna nkunu organizzati fi gruppi: min iwaħħal l-antaljoli – Vince Grima u l-grupp tiegħu kienu jibdew inaddfu l-ħofor tal-antaljoli u



*Dun Ġużepp jidher flimkien mal-awtur u volontiera oħra, fosthom il-President Onorarju s-Sur Gaetano Cuschieri waqt it-tindifa ġenerali tal-linef qabel il-festa ta' San Gejtanu*

l-bradelli tal-anġli l-Ħamis fis-sagħtejn ta' wara nofsinhar; sadattant oħrajn ikunu fuq iz-zuntier tal-oratorju jippreparaw iwaħħlu l-alabardi mal-antaljoli li kienu jitniżżlu mill-kampnar tax-xellug, min joħroġ u jpoġġi l-bradelli; min joħroġ l-anġli minn posthom u jgħabbihom fuq it-trakk ta' Karmenu; min jieħu ħsieb il-*crane*; min ilibbes il-bandalori u l-pavaljuni biex wara jitwaħħlu minn fuq *tower* li fuqu niftakar lil Walter Camilleri; min b'xi fanal f'idu biex jikkontrolla t-traffiku; ... sa kien ikun hemm min jipprepara ħobż u *soft drink* fis-silġ biex il-grupp jitrejjaq f'ħin qasir ta' serħan. Jien kont nieħu ħsieb noħroġ l-Anġli mill-kamra ta' ġewwa u ngħabbihom fuq il-lift.

F'dak il-lejl Dun Ġużepp ma kontx tkun taf fejn qiegħed: imma kien ikun kullimkien! Dak iż-żmien ma kellniex *mobiles*. Imma mbagħad, l-għada min jgħidlek li dak il-ħin kien miegħu u min jgħidlek li rah nieżel lejn il-pjazza jew tiela' lejn il-knisja jew min kien jgħidlek li kien mar jassisti lil xi ħadd.

Din tal-assistenza billejl tfakkarni f'meta darba qaluli li rawh jiġri kemm jiflaħ lejn in-naħa tal-pjazza filwaqt li kien jaqfel il-buttuni tas-suttana. Meta wieħed kien imur jitolbu assistenza billejl, Dun Ġużepp kien jixref mit-tieqa żgħira li kellu mal-kamra tiegħu u jistaqsi għall-indirizz; meta dak li jkun jasal lura d-dar kien isibu diġà hemm!

Sadattant il-kor kien qed jissoda u jespandi kemm fin-numru ta' membri kif ukoll fl-attivitajiet. Il-miri ta' Dun Ġużepp fil-kamp mużikali kienu jmorru 'l hemm mis-servizzi fil-knisja u programmi oħra ma' baned: Infatti kien beda jistudja t-teorija tal-mużika għand Mro Carmelo Pace. Kien waħħal f'rasu li l-kor jippreżenta għall-ewwel darba f'Malta l-Oratorio Messiah ta' Handel. Biex iqajjem l-entużjażmu fost il-membri beda jikkunċerta l-famuża 'Alleluia' u xi biċċiet oħra. Kompla jidentifika solisti minn fostna u dawn bdew jikkunċertaw il-partitura miegħu. Mil-lat organizzattiv il-membri kollha malajr ittieħdu mill-entużjażmu



*Dun Ġużepp, il-Ministru Dr Tommaso Caruana Demajo, id-Dirttur tal-edukazzjoni is-Sur J.P. Vassallo u l-Ministru Dr Joe Spiteri waqt riċeviment fl-intervall tal-Messiah. Dak inhar Dun Ġużepp jidher bl-effett tal-infezzjoni li kellu fuq wiċċu*

tiegħu u allura nħoloq momentum u sens ta' camaraderie fost il-membri kollha li wieħed ma setax iwaqqfu jekk mhux bil-preżentazzjoni ta' dan l-oratorio. Dan seħħ it-3 ta' Jannar 1959 fir-Radio City, il-Ħamrun. Għalina kien *achievement* kbir u għal Dun Ġużepp sewa sforz enormi tant li dakinhar kellu jiddeRieġi b'infjammazzjoni qawwija f'wiċċu; u dan seta' jagħmlu permess ta' injezzjonijiet qawwija ta' penicillin.

Wara dan is-suċċess beda jinħass sewwa l-bżonn ta' lokal għall-kor. Dun Ġużepp ħareġ bl-idea li nutilizzaw is-sala li kien hemm fuq is-sala fejn kien jinżamm xi armar u magħha insaqqfu l-parti tan-navi fuq il-lemin tal-knisja. Din il-proposta xegħlet l-immaġinazzjoni tagħna lkoll ... imma kien hemm problema waħda kbira... finanzi! Wara ħafna deliberazzjoni u diskussjonijiet għand il-'Cafe' Elia' wara l-kunċerti rnexxielna nikkonvinċuh



*Dun Ġużepp flimkien ma' Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi waqt l-intervall tal-Messaiah*

li jekk nillimitaw l-ispejjeż għall-materjal neċessarju u x-xogħol nagħmluh aħna stajna naslu. Kienet esperjenza qawwija  għax din kienet tinvolvi x-xogħol fil-konkrit, fil-ġebel, fl-injam (niftakar sew lil John Żammit ifassal u jgħaqqad il-librerija), fejn rajna lil Dun Ġużepp jaħdem magħna, ma' jgħejja qatt u dejjem moħħu f'dak kollu li jkun qed isir!

Imbagħad meta kellna s-sala tagħna, kellna aktar faċilitajiet fejn il-kor seta jimraħ. U allura l-għatx għal esperjenzi simili għal dik li għaddejna minnha fil-preżentazzjoni tal-oratorju Messaiah ta' Handel (1959) fir-Radio City, Ħamrun. Tant hu hekk li fis-snin ta' wara konna ppreżentajna il-'Paulius' ta' Felix Mendelssohn (1960) fir-Radio City, Ħamrun u il-'Judas Maccabeus' ta' Handel (1961), għat-tieni darba l-Messiah (1963) fl-Istitut Kattoliku, Floriana u fl-aħħar konna ppreżentajna l-'Elijah' ta' Mendellsohn (1966) fl-Istitut Kattoliku, Floriana.

Sadattant inizjattivi oħra ma waqfux! Issa kien beda x-xogħol fuq id-dekorazzjoni tal-knisja minn Chev. Envin Cremona. Dawk kienu snin fejn Dun Ġużepp kien iddedikat għal dan il-proġett li kien għal qalbu wisq! Niftakar li biex Cremona jibda jaħdem fuq il-proġett tal-knisja tagħna kellu jispiċċa żewġ pitturi kbar li kellu għall-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa. Niftakarni jmorru fl-istudju li l-pittur Cremona kellu fit-tielet sular fi Strada Zakkarija l-Belt u ngħinuh iġorrhom lejn Ħal Luqa. Dan biex inħeġġuh jibda x-xogħol fuq il-Knisja tagħna.


*Dun Ġużepp, liebes il-boilersuit, jidher ma' wieħed mill-volontiera fl-aħħar stadji tal-armar tal-koppla fl-1968*

Niftakar ukoll li Dun Ġużepp, Joe Martinelli u jien morna kemm-il darba fl-istudio tiegħu fi Starda Levante biex inħeġġuh jibda x-xogħol fuq il-knisja tagħna. F'dak il-perjodu Chev Cremona kien attiv ħafna kemm fil-kamp tal-filatelija, fejn ħalla t-timbru tiegħu, u kemm fil-kamp kreattiv li kull artista jaspira għalih. Niftakar li kien qalilna li kien qed jikkonsidra serjament li jipparteċipa fil-*biennale* ta' Venezia għax kien sab 'żfog' meta beda juża l-ħġieġ fil-kreazzjonijiet tiegħu.

Chev. Cremona kien jaħbi ġo fih sens qawwi ta'

responsabiltà u allura meta beda jistudja l-każ tal-knisja ta' San Gejtanu ħass li x-xogħol tiegħu kellu jikkomplimenta u jkompli jsebbaħ l-istil arkitettoniku tal-knisja. Allura kien talab li barra li jkollu l-opportunità li jżur il-knisja fil-kwiet u l-ħemda kmieni wara nofsinhar fid-dawl tax-xemx, ried ukoll jaraha meta tkun imdawla bid-dawl artifiċjali u għalhekk Dun Ġużepp kellu jieħu ħsieb li jdawwal id-dawra kollha taċ-ċinta kollha b'tubi neon u sistema oħra separata ta' bozoz komuni. Wara li tela' l-armar, Chev Cremona għamel ħinijiet twal waħdu fuq l-armar – ma kienx jixtieq distrazzjonijiet – għax ried jiddeċiedi jekk jużax l-isfond iswed jew blu bħala *background* fil-kwadri tiegħu. Niftakar li dan kien żmien ta' ansjetà kbira għal Dun Ġużepp għax ma riedx li l-proġett jieqaf għall-ebda raġuni. It-tensjoni bejnietna kienet tinħass sewwa tant li wara xi tliet ġimgħat, ġurnata minnhom Dun Mattew Chircop, li dak iż-żmien kien kappillan, iddeċieda li jitla' hu fuq l-armar biex jipprova jħeġġu jiddeċiedi. Kienet grazzja min Alla! Appena rah dieħel minn ġot-tieqa bis-suttana sewda bix-xemx nieżla warajh Chev Cremona qam ferħan se jtir għax kien ikkonvinċa ruħu li kellu juża l-iswed.

Imbagħad niftakar li fix-xhur tas-sajf, meta Chev. Cremona kien ikun tala' fir-residenza tiegħu tas-sajf f'Buġibba, konna mmorru tard ħafna billejl, bil-Hillman Minx ta' Joe Martinelli biex nigbru t-tili, u minn hemm nibqgħu sejrin bihom sa fuq l-armar fil-knisja fejn nifirxuhom fl-art biex l-għada nkunu nistgħu nwaħħluhom fil-post u allura Chev. Cremona kien ikun jista' jirtokkja u jtihom l-aħħar daqqa tiegħu fil-post.

F'dan il-perjodu Dun Ġużepp kien minjiera ta' enerġija, ġibjun ta' ideat, traxxinatur tagħna lkoll li konna madwaru. Kien jidħol għal kull xogħol li kien ikun hemm bżonn isir. Ma kien jaqta' qalbu minn xejn! Jekk kien jegħja kien kapaċi jorqod 10 minuti u jqum qisu kien ikun raqad raqda sew.

Niftakar ukoll kemm kien metikolus fix-xogħol tiegħu! Meta kien wasal iż-żmien biex niddekoraw il-kappelluni miċ-ċinta 'l isfel daħħal f'rasu

li waqt li jkun għaddej ix-xogħol l-armar ma jfixkilx lin-nies li jużaw il-Kappelluni. Għalhekk ħareġ bl-idea li l-armar idendlu maċ-ċinta 'l isfel flok itellgħu mill-art. Kien qalli li għamel lejl jaħdem fuqu u l-għada ġie bid-disinn u lista ta' affarijiet li kellu bżonn: sa kellu mniżżel kemm ried eżatt *bolts* u *flynuts* li kien hemm bżonn!

L-istess kien ġara meta nstab li t-tribuna li kienet tintrama l-Pjazza ta' Fra Diego fil-festa tal-Qalb ta' Ġesù kellha bżonn tiswijiet kbar speċjalment il-parti ta' isfel. Il-parteċipazzjoni fil-purċissjoni kienet qed tonqos sew u allura kien deċiż li ma kienx il-każ li jsiru spejjeż fuq din it-tribuna. Allura ħareġ bl-idea li l-parti ta' fuq ipoġġiha fuq qafas tal-ħadid li jkun jimxi fuq roti u jpoġġiha fuq iz-zuntier. Dan fasslu jimxi fuq roti biex sakemm toħroġ il-purċissjoni jitwarrab minn quddiem il-bieb tan-nofs



*Dun Ġużepp flimkien ma' Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi*

tal-knisja imbagħad jitressaq lura fin-nofs taz-zuntier biex minn fuqha tingħata l-barka sagramentali fl-għeluq.

Niftakru jqarar fis-sagristija, wara l-bankun ta' qabel tidħol fis-sagristija, fuq iz-zuntier u fuq il-bejt tal-knisja, u f'xatt il-baħar. Niftakru jerfa' l-vara ta' San Gejtanu minn quddiem it-Triq Censu Galea sa quddiem fejn illum hemm il-BOV.

Magħna l-ġuvintur tal-kor kien qisu wieħed minna; tant li meta konna mmorru għall-*camping* wara l-festa ta' San Gejtanu ma kienx irid li nsejħulu Dun u allura nħoloqlu t-titlu ta' 'sheriff'. Dan barra l-fatt li f'dawk l-erbat ijiem li konna nkunu s-Salina kien irid li jqaddes kuljum; u



*Ħarġa għal Għawdex ma' Dun Ġużepp fis-17 ta' Lulju 1954*

allura jew kien iqaddes f'xi garaxx għall-membri tal-kor li jkunu magħha u għal dawk fil-viċin li kienu jiġu bi ħġarhom, jew inkella konna naqsmu l-għelieqi għall-bajja li tiġi quddiem il-gżejjer ta' San Pawl għal-bini tas-sajf tal-ġiżwiti, blokk bini maqtugħ għalih, dak iż-żmien, 'il bogħod ħafna mill-abitat (illum is-Seaview Hotel) biex iqaddes hemm.

Dun Ġużepp kien bniedem ta' personalità qawwija u kien saċerdot li kien jagħti preċedenza lill-pastorali. Fil-Ħamrun, kien l-aħħar qassis li neħħa s-suttana u beda jilbes il-*clergyman*. Il-kunċert kien dejjem jibda immedjatament wara li jkun ta l-barka sagramentali fil-knisja fis-sebgħa ta' filgħaxija. Dun Ġużepp kien miġjub minn kulħadd, irrispettat mill-għaqdiet soċjali u politiċi kollha. Kien Direttur Spiritwali ta' din is-Soċjetà Mużikali u kull meta nqala' xi diżgwid, speċjalment mal-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu kien ikun minn tal-ewwel flimkien ma' Dun Frans Camilleri li jwittu l-kustjoni bil-kwiet kollu u mingħajr daqq ta' trombi.

Mill-mewt tal-mamà tiegħu, Dun Ġużepp inbidel! Niftakar li kien impressjonat ħafna bil-fatt li aħna, membri tal-kor, konna erfajna fit-



*Dun Ġużepp jidher f'mument ta' sensitività kbira anki lejn l-annimali waqt ħarġa fil-Baħrija fi Frar tal-1966*

tebut tagħha għall-knisja parrokkjali għall-quddiesa *presente cadavere*. Naħseb li beda jħoss ir-responsabiltà ta' oħtu. Ma baqax jibqa' magħna wara l-kunċert... u allura konna nwassluh sa tarf Triq Villambrosa u hemm intuh il-lejl it-tajjeb. Jekk kien ikollna xi attività fit-tul kien isib ħin biex jaqbeż qabża sad-dar. Kien kapaċi jorqod għal għaxar minuti u jqum qisu kien ikun raqad raqda sew.

Kien bniedem ta' fommu sieket! Kien diffiċli li wieħed jintebaħ xi jkun għaddej minn għalih! Jiena kont inqatta' sigħat sħaħ kuljum miegħu u miegħi qatt ma lissen kelma fuq kwistjonijiet li ma jolqtux il-kor. Kont nittendi mit-tonalità ta' kliemu, minn kif iżomm kikkra tal-kafe f'idu: irqaqat li jekk ma tkunx tafu sew ma tittendix bihom! U nassigurakom li tfixkil kellu... u ħafna. L-omelija tal-quddiesa kienet xhieda tal-fidi qawwija li kellu f'Alla. Il-knisja ta' San Gejtanu kienet għal qalbu wisq. Kien deċiż li jħalliha dejjem isbaħ milli kien sabha. Ma naħsibx li nkun qed ngħid xi ħaġa barra minn lokha jekk inżid li l-Knisja kif nafuha llum hija grazzi għall-impenn bla waqfien u d-determinazzjoni tiegħu.

Fl-1969, lili u lil Evelyn żewwiġna hu fil-kappella tal-kulleġġ ta' San Alwiġi, f'Birkirkara. Għalkemm ma kellniex bidu sabiħ fil-ġajja taż-żwieġ tagħna – il-papà ta' Evelyn ġie nieqes ġimagħtejn biss wara t-tieġ tagħna. – Evelyn u jien konna bqajna attivi fil-kor imma minħabba li twieldu Annamaria u Tonio kif ukoll impenji oħrajn ftit ftit bdejna nnaqqsu u fl-aħħar, meta tlifna l-okkażjoni tal-festi ta' għeluq il-mitt sena mill-Konsagrazzjoni tal-knisja parrokkjali ta' San Gejtanu fl-1975, konna qtajna il-kuntatt għal kollox. Niftakar li kont bqajt ninżel għall-quddiesa fil-festa ta' San Gejtanu u kont nitla' fuq il-gallarija tal-orgni biex inkanta mal-kor dejjem taħt id-direzzjoni ta' Dun Ġużepp.

Imma l-aħħar okkażjoni li baqgħet immarkata f'moħħi u ma ninsiha qatt, kienet meta ltqajt ma' Dun Ġużepp fl-1999 meta l-membri tal-kor stiednu lill-ex membri kollha għal quddiesa ta' ringrazzjament fl-

okkażjoni tal-ħamsin sena tas-saċerdozju tiegħu, li saret fl-oratorju. Barra milli ltqajt ma' ħbieb antiki, partikolarment ma' Joe Martinelli li kien ġie mill-Kanada għall-okkażjoni, niftakar li kienet okkażjoni oħra meta smajt lil Dun Ġużepp jagħmel omelija stil tiegħu fejn jesprimi u jikkonferma l-fidi qawwija tiegħu fil-Mulej! Imma niftakar ukoll kif kont bqajt impressjonajt ruħi kemm kien naqas Dun Ġużepp! Konna ħadna ritratt tal-grupp li kien preżenti u meta nħares lejh tiġini għafsa ta' qalb inħares lejh, bil-memorji sbieħ li jfakkarni.

Jien ngħodd ruħi ffortunat ħafna li llum nista' ngħid li gawdejt il-ħbiberija ta' Dun Ġużepp. L-esperjenza u t-tagħlim li ħalla miegħi Dun Ġużepp Cachia huma uniċi u jiena kburi li nibqa' nġorrhom miegħi ħajti kollha: Jien li jien illum, kont nafu lil Dun Ġużepp. Kien qassis li qatt ma fittex il-*limelight* imma kien ikun imfittex minn kull grupp/



*Dun Ġużepp flimkien mal-ex membri rġiel tal-kor wara il-quddiesa li fakkret il-ġublew tad-deheb tas-saċerdozju ta' Dun Ġużepp*

klassi tas-Soċjetà' għall-parir, direzzjoni u għajnuna u li fi żmienu kien miżmum fuq l-idejn minn kulħadd. Qassis ta' fidi soda u sħiħa, qassis li qatt ma fittex il-flus u li kien iħobb il-Ħamrun. Kont taraħ miexi b'dak il-pass deċiż u mgħaġġel tiegħu. Naħseb li qassis li għal nofs seklu ddedika u ssagrifika ruħu għal xogħol pastorali, soċjali u spiritwali fil-parroċċa ta' San Gejtanu, ħaqqu rikonoxximent akbar anki mill-ġenerazzjonijiet tal-lum u tal-futur. (ritratt nru 7 – L-awtur jagħti it-tislima tiegħu lil Dun Ġużepp fl-okkażjoni tal-Ġublew tad-deheb tas-Saċerdozju tiegħu).

Nota Editorjali: Dan l-artiklu estensiv kien jixraq li nġibuh f'din l-edizzjoni f'għeluq l-10 anniversarju mill-mewt ta' Dun Ġużepp Cachia, ex Direttur Spiritwali tas-Soċjetà' Mużikali San Ġużepp Ħamrun. Filwaqt li nġeddu r-ringrazzjamenti tagħna għal dak kollu li għamel mas-Soċjetà' tagħna u mal-Ħamrun kollu in ġenerali, nitolbu lil Alla biex jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem. Grazzi Dun Ġużepp!


CENTRAL SELF SERVICE

Discount Store




Our Lady of Sorrows Street, Ħamrun
Tel: 2124 1733